# Il-Ħadd 09.06.2019

1. Illum 09/06, **Għid il-Ħamsin - Pentekoste**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bil-Parteċipazzjoni u l-Preżentazzjoni ta' dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Ottubru li ġej.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tnejn 10/06 u t-Tlieta 11/06:
   - L-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun **magħluq filgħodu** minħabba li bħala saċerdoti fid-dmir li nkunu preżenti għall-Kors ta' Aġġornament tal-Kleru li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.

3. It-Tnejn 10/06, **Marija - Omm il-Knisja**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fil-bitħa tal-Museum tal-Subien *(u mhux fil-knisja parrokkjali)* għal kulħadd, b'mod speċjali għall-ġenituri u t-tfal (subien u bniet) li jattendu d-duttrina, u li fiha nagħtu ġieħ b'mod speċjali lill-Ommna Marija.

4. It-Tlieta 11/06:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet)
     li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, fil-Museum tas-Subien.

5. Il-Ħamis 13/06:
   - Fil-5:00pm - Qrar għat-Tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja.

6. Il-Ġimgħa 14/06:
   - Fil-5:00pm - Rehearsal u l-aħħar preparamenti għall-Ewwel Tqarbina.
   - Fis-6:30pm ser issir Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara fit-Teatru tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi, B'Kara.

7. Is-Sibt 15/06:
   - Mill-4:30pm sal-5:00pm - Jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm - Qrar għall-Ġenituri.

8. Il-Ħadd 16/06, **it-Trinità *u Jum l-Ewwel Tqarbina - Jum il-Missier***:
   - Fid-9:15am - It-tfal jinġabru l-MUSEUM tal-Bniet fejn jitteħdulhom xi ritratti
     u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:30am - Tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

9. Avviżi oħra:
   - Tajjeb li nagħtu aktar importanza lill-ħin tal-Adorazzjoni,
     kemm hawn fil-knisja u kemm fil-kappella ta' Santa Marija:
     - Filgħodu mit-8:00am sa' 12:00pm, u
     - Filgħaxija mit-3:00pm sas-6:00pm.

10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 260 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
    Grazzi mill-qalb.